

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Fejn U Kif](#) > [Spejjeż](#) > [Bulgaria](#)

## Spejjeż

Il-kontenut ipprovdut minn

Bulgarija

Bulgarija



Din il-paġna tipprovdi informazzjoni dwar l-ispejjeż kontenzjużi fil-Bulgarija.

### Qafas regolatorju li jirregola t-tariffi fil-professjonijiet legali

#### Avukati

##### [L-Att dwar l-Avukatura \(Zakon za advokaturata\):](#)

L-Artikolu 36(1) Avukati (*advokat*) u avukati minn Stat Membru ieħor tal-UE, għandhom ikunu intitolati għal rimunerazzjoni għal xogħolhom.

(2) L-onorarja għandha tiġi ddeterminata f'kuntratt konkluż bejn l-avukat jew l-avukat minn Stat Membru ieħor tal-UE u l-klijent. L-ammont tal-onorarja jrid ikun raġonevoli u ġustifikat u ma jistax ikun inqas mill-onorarja prevista mir-regolament adottat mill-Kunsill Suprem tal-Avukatura (*Visshiya advokatski savet*) għat-tip ta' servizz involut.

(3) Jekk ma jkun għe ffirmat l-ebda kuntratt, il-Kunsill Suprem tal-Avukatura għandu jiddeċiedi, fuq talba tal-avukat, tal-avukat ta' Stat Membru ieħor tal-UE jew tal-klijent, l-onorarji li għandhom jitħallsu skont ir-regolament adottat mill-Kunsill Suprem tal-Avukatura.

(4) L-onorarja tista' tiġi ffixsata f'termini assoluti u/jew bħala perċentwal ta' ammont li jista', skont l-eżitu tal-proċediment, jiġi aġġudikat mill-qorti. Dan jeskludi l-onorarja għad-difiża f'kawżi kriminali u għal kawżi ċivili b'interess mhux materjali.

L-Artikolu 38(1) Avukati u avukati ta' Stat Membru ieħor tal-UE jistgħu jipprovdu pariri u assistenza legali mingħajr ħlas lil:

1. persuni intitolati għall-manteniment;
2. persuni f'diffikultà finanzjarja;
3. membri tal-familja immedjata jew estiża jew professjonist legali ieħor.

(2) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, jekk il-kontroparti fil-proċedimenti tiġi ordnata tħallas l-ispejjeż, l-avukat jew l-avukat minn Stat Membru ieħor tal-UE għandu jkun intitolat għal rimunerazzjoni. Il-qorti għandha tiddetermina l-ammont tal-onorarja, li ma jistax ikun inqas minn dak previst mir-regolament imsemmi fl-Artikolu 36(2), u għandha tordna lill-parti l-oħra tħallasha.

Ir-rimunerazzjoni (l-onorarja) hija stabbilita skont l-Artikolu 36(6) tar-[Regolament Nru 1/2004 tal-Kunsill Suprem tal-Avukatura dwar ir-rimunerazzjoni minima tal-avukati](#).

#### Artikolu II

Onorarji għal pariri, konsultazzjonijiet, abbozzar ta' dokumenti u kuntratti

L-Artikolu 6(1) L-onorarji għall-pariri, il-konsultazzjonijiet u t-tfassil tad-dokumenti u tal-kuntratti huma kif ġejjin:

1. għal pariri verbali, konsultazzjonijiet dwar il-medjazzjoni mingħajr intervent minn avukat, il-ksib ta' informazzjoni mill-qrati u l-korpi amministrattivi, eċċ. — BGN 100;
2. għal konsultazzjoni bil-miktub — BGN 200;
3. biex tiġi eżaminata kwistjoni u tingħata opinjoni dwarha — BGN 450;
4. għal ilmenti u rapporti lis-servizz tal-prosekuzzjoni, lill-pulizija u lill-awtoritajiet tal-gvern ċentrali jew lokali — BGN 200;
5. għal stedinet notarili, talbiet ta' aċċettazzjoni jew ta' rifjut ta' wirt, tfassil ta' dokumenti soġġetti għall-inklużjoni fir-rekords notarili, talbiet għal annullament ta' djun u talbiet oħra — BGN 200;
6. għal talbiet għar-rinunzja jew għall-istabbiliment mill-ġdid taċ-ċittadinanza Bulgara — BGN 450;
7. għat-tfassil ta' testment — BGN 300;
8. għat-tfassil ta': kuntratti bil-miktub, atti ta' titolu, bejgħ, skambji, rigali, ipoteki, superfizji u servitujiet, soluzzjonijiet barra mill-qorti, inkluż l-abbozzar ta' ftehimiet milħuqa fi proċeduri ta' medjazzjoni mingħajr l-involviment ta' avukat, u għat-twettiq ta' kontrolli u t-tfassil ta' rapporti dwar iċ-ċirkostanzi rilevanti għal tranżazzjoni abbażi tal-valur tal-kuntratt jew tal-att rilevanti:
  1. (a) jekk l-interess materjali jkun sa BGN 1 000 — BGN 250;
  2. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 1 000 u BGN 10 000 — BGN 250 flimkien ma' 3 % tal-ammont li jaqbeż BGN 1 000;
  3. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 10 000 u BGN 100 000 — BGN 500 flimkien ma' 2 % tal-ammont li jaqbeż BGN 10 000;
  4. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 100 000 u BGN 1 000 000 — BGN 2 300 flimkien ma' 1 % tal-ammont li jaqbeż BGN 100 000;
  5. jekk l-interess materjali jkun ogħla minn BGN 1 000 000 — BGN 11 300 flimkien ma' 0.5 % tal-ammont li jaqbeż BGN 1 000 000;
9. għat-tfassil ta' dokumenti u talbiet għar-reġistrazzjoni taċ-ċirkostanzi u d-dħul ta' atti li jikkonċernaw:
  1. (a) negozjanti għal rashom — BGN 250;
  2. sħubijiet ġenerali — BGN 300;
  3. sħubijiet limitati — BGN 400;
  4. kumpaniji b'responsabbiltà limitata — BGN 500;
  5. kumpaniji b'ishma konġunti — BGN 1 000;
  6. kooperattivi — BGN 750;
  7. kooperattivi tal-akkomodazzjoni — BGN 750;
  8. fondazzjonijiet u assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ — BGN 600;
10. għas-sottomissjoni ta' dokumenti mar-reġistrazzjoni taċ-ċirkostanzi u d-dħul ta' atti fir-reġistri rilevanti, mingħajr ma jtfasslu dokumenti, it-tariffa għandha tkun in-nofs ta' dawk speċifikati fis-subparagrafu 9;
11. għall-għoti ta' servizzi legali kontinwi skont kuntratt konkluż ma' persuna ġuridika jew negozjant għal rasu — BGN 800 fix-xahar, b'onorarja separata pagabbli lill-avukat biex jidher fil-qorti f'isem il-persuna ġuridika rispettiva jew in-negozjant għal rasu;
12. għal konsultazzjonijiet ipprovduti fuq bażi ta' kull siegħa — BGN 120;
13. għaċ-ċertifikazzjoni ta' kopji ta' dokumenti mogħtija lill-avukat f'konnessjoni mad-drittijiet u l-interessi legali tal-klijent jew għall-protezzjoni tagħhom skont l-Artikolu 32 tal-[Att dwar l-Avukatura](#) — BGN 3 għall-ewwel paġna u BGN 2 għal kull paġna sussegwenti;
14. għat-tfassil ta' dokumenti għall-parteċipazzjoni fil-proċeduri li jaqgħu taħt l-[Att dwar l-Akkwist Pubbliku \(Zakona za obshtestvenite porachki\)](#), id-dokumenti tal-offerti u tal-kompetizzjoni li jaqgħu taħt l-[Att dwar il-Proprietà tal-Istat \(Zakona za darzhavnata sobstvenost\)](#), l-[Att dwar il-Proprietà Muniċipali \(Zakona za obshtinskata sobstvenost\)](#) u l-[Att dwar il-Konċessjonijiet \(Zakona za kontsesiite\)](#), l-onorarja tal-avukat għandha tkun stabbilita skont il-proċedura li taqa' taħt l-Artikolu 6(1)(8) abbażi tal-valur tal-proċedura mħabbra, iżda ma għandhiex tkun inqas minn BGN 2 000.

(2) It-tariffa msemija fil-paragrafu 1 għandha tiżdied bin-nofs jekk l-għajjnuna legali tingħata b'lingwa barranija. Meta d-dokumenti jtfasslu b'lingwi differenti, il-klijent għandu jħallas tariffa separata għall-ammonti speċifikati fil-paragrafu 1 għal kull waħda mil-lingwi li bihom jtfasslu d-dokumenti.

(3) It-tariffi msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu rdoppjati għall-għajjnuna legali mogħtija f'emerġenza jew f'jiem mhux tax-xogħol.

### Artikolu III

Tariffi għal proċedimenti ċivili u amministrattivi f'istanza waħda

L-Artikolu 7(1) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza f' materji ċivili għandha tkun kif ġej:

1. fil-każ ta' proċedimenti għar-revoka ta' tkeċċija u riintegrazzjoni, l-onorarja ma għandhiex tkun inqas mill-ammont tal-paga minima ta' xahar fil-Bulgarija fiż-żmien tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' għajjnuna legali jew fiż-żmien meta t-tariffa tiġi stabbilita f'konformità mal-Artikolu 2;
2. fil-każ ta' proċedimenti tal-qorti għax-xoljiment taż-żwieġ — BGN 1 200, u fil-każ ta' divorzju b'kunsens reċiproku — BGN 800. F'dan l-aħħar każ, fejn ikun meħtieġ li jitfassal ftehim dwar is-soluzzjoni tal-proprjetà, għandu japplika wkoll il-paragrafu 4.
3. għar-rikorsi relatati mad-drittijiet tal-paternità u l-kontestazzjoni tal-paternità — BGN 1 200;
4. għal kawżi oħra mhux pekunjarji — BGN 1 000;
5. għal proċedimenti mhux kontenzjużi u l-preservazzjoni tal-proċedimenti tal-evidenza — BGN 750;
6. għal każijiet ta' manteniment — BGN 500;
7. f'kawżi mressqa minn partijiet privati — terz tal-ammont minimu għall-aġġudikazzjoni ta' tilwima f'istanza waħda, skont is-suġġett u l-benefiċċju inkwistjoni għall-parti, iżda mhux inqas mill-ammont previst fl-Artikolu 11, u, meta l-azzjoni titressaq kontra deċiżjoni li tissospendi l-proċedimenti, nofs l-ammont minimu għall-aġġudikazzjoni ta' tilwima f'istanza waħda, iżda mhux inqas mill-ammont previst fl-Artikolu 11;
8. (ġdid fil-Gazzetta tal-Istat (SG Nru 28/2014; irrevokat bis-Sentenzi Nru 13062 tat-3 ta' Ottubru 2019 u Nru 5419 tat-8 ta' Mejju 2020 tal-Qorti Amministrattiva Suprema (*Varhoven administrativen sad*) — SG Nru 45/2020, fis-seħħ mill-15 ta' Mejju 2020);
9. għal rappreżentanza legali, difiża u assistenza f'każijiet ta' dikjarazzjoni ta' inkapaċità — BGN 1 000;
10. għal proċedimenti li jaqgħu taħt l-Att Kummerċjali (*Targovskiya zakon*) dwar azzjonijiet imressqa minn sħab jew sidien tal-ishma kontra l-kumpanija, talbiet għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' sħubija, proċedimenti li jaqgħu taħt l-Att dwar Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qliġ (*Zakona za yuridicheskite litsa s nestopanska tsel*), l-Att dwar il-Kooperattivi (*Zakon za kooperatsiite*), l-Att dwar ir-Reġistru Kummerċjali u r-Reġistru ta' Entitajiet Legali Mingħajr Skop ta' Qliġ (*Zakona za targovskiya registar i registara na yuridicheskite litsa s nestopanska tsel*) u l-Att dwar ir-Reġistru BULSTAT (*Zakona za registar BULSTAT*), u għal proċedimenti li jikkonċernaw ir-reġistrazzjoni skont liġijiet oħra u l-entrati assoċjati — BGN 1 250.

(2) L-onorarji għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi kwistjonijiet li fihom l-interess materjali huwa magħruf, għandhom ikunu kif ġej:

1. jekk l-interess materjali jammonta għal BGN 1 000 — BGN 400;
2. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 1 000 u BGN 10 000 — BGN 400 flimkien ma' 10 % tal-ammont li jaqbeż BGN 1 000;
3. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 10 000 u BGN 25 000 — BGN 1 300 flimkien ma' 9 % tal-ammont li jaqbeż BGN 10 000;
4. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 25 000 u BGN 100 000 — BGN 2 650 flimkien ma' 8 % tal-ammont li jaqbeż BGN 25 000;
5. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 100 000 u BGN 500 000 — BGN 8 650 flimkien ma' 4 % tal-ammont li jaqbeż BGN 100 000;
6. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 500 000 u BGN 1 000 000 — BGN 24 650 flimkien ma' 3 % tal-ammont li jaqbeż BGN 500 000;
7. jekk l-interess materjali jkun bejn BGN 1 000 000 u BGN 10 000 000 — BGN 39 650 flimkien ma' 1.5 % tal-ammont li jaqbeż BGN 1 000 000;
8. jekk l-interess materjali jkun oġġla minn BGN 10 000 000 — BGN 174 650 flimkien ma' 0.6 % tal-ammont li jaqbeż BGN 10 000 000;

(3) L-onorarji għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti ta' falliment għandhom jiġu kkalkulati abbażi tal-valur tal-pretensjonijiet li, fir-rigward tagħhom, tintalab l-istituzzjoni tal-proċedimenti ta' falliment, skont il-metodoloġija msemmija fil-paragrafu 2, iżda ma jistgħux ikunu inqas minn BGN 1 500. L-onorarja għall-abbozzar ta' rikors għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' insolvenza u għall-abbozzar ta' oġġezzjoni għall-pretensjoni ppreżentata jew aċċettata fi proċedimenti ta' insolvenza, kif ukoll għall-parteċipazzjoni fi proċedimenti li fihom għandhom jiġu eżaminati l-oġġezzjonijiet imressqa, għandha tkun nofs l-ammont speċifikat fil-paragrafu 2, iżda mhux inqas minn BGN 1 000. L-onorarja għall-abbozzar ta' offerta u l-parteċipazzjoni fi proċedura għall-akkwist ta' proprjetà minn proprjetà ta' falliment, għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-proċedura skont l-Artikolu 6(1)(8).

(4) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti għad-diviżjoni tal-proprjetà għandha tiġi ddeterminata skont l-interess tal-parti rappreżentata kif previst fil-paragrafu 2, iżda ma tistax tkun inqas minn BGN 1 500 għal kull stadju tal-proċedimenti. L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti għad-diviżjoni tal-art agrikola għandha tiġi ddeterminata skont l-interess tal-parti rappreżentata kif previst fil-paragrafu 2, iżda ma tistax tkun inqas minn BGN 750 għal kull stadju tal-proċedimenti.

(5) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fl-azzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 75, 76 u 108 tal-[Att dwar il-Proprjetà \(Zakona za sobstvenosta\)](#) għandha tiġi ddeterminata skont l-interess tal-parti rappreżentata kif previst fil-paragrafu 2, iżda ma tistax tkun inqas minn BGN 800 għall-proprjetà mobbli, u BGN 1 500 għall-proprjetà immobbli jew għad-drittijiet tal-proprjetà fiha. L-onorarja għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-prezz tas-suq tal-proprjetà u, jekk l-ebda prezz tas-suq ma jkun disponibbli, abbażi tal-valutazzjoni tat-taxxa.

(6) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza f'kawżi li jikkonċernaw l-eżistenza, l-annullament jew it-terminazzjoni ta' kuntratti u għall-konklużjoni ta' kuntratt finali fir-rigward tad-drittijiet tal-proprjetà, għandha tiġi ddeterminata skont l-interess tal-parti rappreżentata kif previst fil-paragrafu 2, iżda ma tistax tkun inqas minn BGN 1 500. L-onorarja għandha tiġi ddeterminata abbażi tal-prezz tas-suq tal-proprjetà u, jekk il-prezz tas-suq ma jistax jiġi aċċertat, abbażi tal-valutazzjoni tat-taxxa.

(7) L-onorarja għad-difiża legali fil-proċedimenti biex tiġi żgurata pretensjoni futura, proċedimenti għall-ħruġ ta' mandat ta' eżekuzzjoni skont l-Artikolu 405(3) u (4) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili \(Grazhdanski protsesualen kodeks\)](#) u l-proċedimenti għall-ħruġ ta' mandat ta' eżekuzzjoni, għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 2 abbażi ta' nofs l-ammont tal-pretensjoni.

(8) (irrevokat fl-SG Nru 2/2009; ġdid fl-SG Nru 28/2014; l-ex paragrafu 6 fl-SG Nru 84/2016; irrevokat bis-Sentenzi Nru 13062 tat-3 ta' Ottubru 2019 u 5419 tat-8 ta' Mejju 2020 dwar il-proċess verbali tal-Qorti Amministrattiva Suprema fl-SG Nru 45/2020, fis-seħħ mill-15 ta' Mejju 2020).

(9) Meta r-rappreżentanza legali tiġi pprovduta f'kawża li tinvolvi iktar minn żewġ seduti ta' smiġh, għandha titħallas onorarja addizzjonali ta' BGN 250 għal kull seduta ta' smiġh sussegwenti.

L-Artikolu 8 L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi kwistjonijiet amministrattivi li huma ta' interess materjali għandha tiġi ddeterminata skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 7(2).

(2) Għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi kwistjonijiet amministrattivi mingħajr interess materjali:

1. l-onorarja għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att dwar l-Iżvilupp Spazjali \(Zakona za ustroystvo na teritorijata\)](#) u l-[Att dwar il-Kadastru u r-Regjistru tal-Proprjetà \(Zakona za kadastara i imotniya registar\)](#) għandha tkun ta' BGN 1 250;
2. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-[Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali \(Kodeksa za sotsialno ociguryavane\)](#) l-onorarja għandha tkun ta' BGN 500;
3. Għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni \(Zakona za ministerstvoto na vatreshnite raboti\)](#), l-onorarja għandha tkun ta' BGN 750.
4. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att dwar l-Istandardizzazzjoni Nazzjonali \(Zakona na natsionalnata standardizatsiya\)](#) l-onorarja għandha tkun ta' BGN 600;
5. f'appelli kontra deċiżjonijiet li jniedu l-proċeduri tal-offerti, deċiżjonijiet għall-għażla ta' kuntratturi jew it-terminazzjoni tal-proċeduri tal-offerti minn awtorità kontraenti li jaqgħu taħt l-[Att dwar l-Akkwist Pubbliku](#), l-onorarja għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8(1) abbażi tal-interessi użati għall-kalkolu tat-taxxa tal-Istat imħallsa għall-istituzzjoni tal-proċedimenti; fl-appelli l-oħra kollha tad-deċiżjonijiet tal-awtorità kontraenti, l-onorarja għandha tkun ta' BGN 1 500.
6. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att Bulgaru dwar id-Dokumenti Nazzjonali tal-Identità \(Zakona za balgarskite lichni dokumenti\)](#), l-onorarja għandha tkun ta' BGN 600;
7. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att dwar l-Appoġġ għall-Produtturi Agrikoli \(Zakona za podpomagane na zemedelskite proizvoditeli\)](#), l-onorarja għandha tkun ta' BGN 800;
8. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att dwar il-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni \(Zakona za zashtita na konkurentsiyata\)](#) quddiem il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni (KZK) (*Komisiya za zashtita na konkurentsiyata*), l-onorarja għandha tkun ta' BGN 1 500, u meta jkun involut interess materjali (penali pekunarja, multa jew penali oħra), l-onorarja għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 8(1).
9. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-[Att dwar il-Protezzjoni mid-Diskriminazzjoni \(Zakona za zashtita ot](#)

*diskriminatsiya*) quddiem il-Kummissjoni għall-Protezzjoni mid-Diskriminazzjoni (KŻD) (Komisiya za zashtita ot diskriminatsiyata) jew il-qorti, l-onorarja għandha tkun ta' BGN 1 500;

10. għal kwistjonijiet li jaqgħu taħt [l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur](#) (*Zakona za zashtita na potrebitelite*) u [l-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data Personali](#) (*Zakona za zashtita na lichnite danii*), l-onorarja għandha tkun ta' BGN 900.

(3) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi kwistjonijiet amministrattivi mingħajr interess materjali definit, ħliel għall-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, għandha tkun ta' BGN 1 000.

(4) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza quddiem korp amministrattiv għandha tiġi ddeterminata skont il-paragrafi preċedenti.

L-Artikolu 9 L-onorarja għat-tfassil ta' dikjarazzjoni ta' pretensjoni u t-tweġiba bil-miktub għal dikjarazzjoni ta' pretensjoni, id-dikjarazzjoni ta' pretensjoni li għandha tinstema' f'appell interim u t-tweġiba għal dikjarazzjoni ta' pretensjoni li għandha tinstema' f'appell interim mingħajr rappreżentanza legali, u għall-eżami ta' kawża ċivili u għall-iffirmar ta' appell fuq punt tal-liġi skont l-Artikolu 284(2) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#), jekk l-appell ikun sar minn avukat ieħor, għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarji msemmija fl-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, iżda mhux inqas minn BGN 400.

(2) L-onorarja għat-tfassil ta' appell fuq punt tal-liġi, inklużi r-raġunijiet għall-kassazzjoni previsti fl-Artikolu 280(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) mingħajr rappreżentanza legali, għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja msemmija fl-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, iżda mhux inqas minn BGN 1 200.

(3) L-onorarja għat-tfassil ta' tweġiba għal appell fuq punt tal-liġi, inklużi r-raġunijiet għall-kassazzjoni previsti fl-Artikolu 280(1) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) mingħajr rappreżentanza legali, għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja msemmija fl-Artikolu 7 jew 8, iżda mhux inqas minn BGN 1 200.

(4) L-onorarja għar-rappreżentanza legali fil-proċedimenti għall-annullament ta' deċiżjoni li tkun daħlet fis-seħħ għandha tiġi ddeterminata skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, iżda ma għandhiex tkun inqas minn BGN 1 000. Għat-tfassil ta' talba għall-annullament ta' deċiżjoni li tkun daħlet fis-seħħ, jew għal tweġiba għal talba għall-annullament ta' deċiżjoni li tkun daħlet fis-seħħ, mingħajr rappreżentanza legali fil-qorti fil-miftuħ, l-onorarja għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja stabbilita skont l-Artikolu 7 jew l-Artikolu 8, iżda ma tistax tkun inqas minn BGN 750.

(5) L-onorarja għat-tfassil ta' rikors lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu u r-rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Lussemburgu mingħajr rappreżentanza legali ma għandhiex tkun inqas minn BGN 2 000.

(6) L-onorarja għat-tfassil ta' appell skont [l-Att dwar l-Akkwist Pubbliku](#), ta' tweġiba bil-miktub, ta' oġġezzjoni għal tali appell mingħajr rappreżentanza legali quddiem il-Kummissjoni għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni jew il-Qorti Amministrattiva Suprema, għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 8, iżda mhux inqas minn BGN 600.

(7) L-onorarja għat-tfassil ta' oġġezzjoni li għandha tiġi sottomessa lil awtorità superviżorja jew rikors lil qorti kompetenti biex tiddeċiedi dwar tilwima relatata ma' korrezzjonijiet finanzjarji applikati għal proġetti implimentati bl-assistenza tal-UE jew fil-kuntest ta' programmi operattivi, mingħajr rappreżentanza legali, għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 8, iżda mhux inqas minn BGN 600.

L-Artikolu 10 L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza ta' parti fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni (irkupru tad-dejn) għandha tkun kif ġej:

1. għall-ftuħ ta' proċedimenti ta' eżekuzzjoni — BGN 200;
2. għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza tal-partijiet fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni u t-teħid ta' azzjoni sabiex tiġi ssodisfata talba peknarja — nofs l-onorarja msemmija fl-Artikolu 7(2);
3. għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza tal-partijiet fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni għat-teħid tal-pussess ta' proprjetà jew żgumbrament — nofs l-onorarji rispettivi msemmija fl-Artikolu 7(2), ikkalkulati abbażi tal-valur tal-proprjetà;
4. għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza tal-parti fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni li jeħtieġu azzjonijiet għajr dawk speċifikati fis-subparagrafi 2 u 3 — BGN 350;

5. għal appell kontra l-azzjonijiet ta' uffiċjal ġudizzjarju — BGN 400, u meta l-appell jinstema' f'qorti fil-miftuħ — BGN 600; l-istess onorarja għandha titħallas lir-rappreżentant legali tad-debitur.

L-Artikolu 11 L-onorarja għall-abbozzar ta' ittra rogatorja, għat-tfassil ta' appell privat, u l-appelli kontra l-azzjonijiet ta' uffiċjal ġudizzjarju, nutar, imħallef tar-reġistru u reġistratur, għandha tkun ta' BGN 400, u meta l-appell jinstema' f'qorti fil-miftuħ — BGN 600.

#### Artikolu IV

Onorarji għal proċedimenti kriminali u amministrattivi f'istanza waħda

L-Artikolu 12 L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti ta' qabel il-proċess għandha tkun dik tal-ammonti speċifikati fl-Artikolu 13(1), u fil-każ ta' azzjonijiet proċedurali f'jiem differenti — BGN 250 għal kull jum.

L-Artikolu 13(1) L-onorarja għad-difiża tal-akkużat, ta' parti li tressaq prosekuzzjoni privata jew ta' rikorrent privat għandha tkun kif ġej:

1. fi kwistjonijiet li jgħorru piena ta' probation jew multa — BGN 600;
2. fi kwistjonijiet li jgħorru piena ta' mhux aktar minn 5 snin priġunerija — BGN 1 000;
3. fi kwistjonijiet li jgħorru piena ta' mhux aktar minn 10 snin priġunerija — BGN 1 500;
4. fi kwistjonijiet li jgħorru piena ta' mhux aktar minn 15-il sena priġunerija — BGN 2 250;
5. fi kwistjonijiet li jgħorru piena ta' aktar minn 15-il sena priġunerija — BGN 3 000;
6. għal reati li jgħorru piena ta' għomor il-ħabs — BGN 6 000;
7. meta jintlaħaq ftehim dwar l-ammissjoni ta' ħtija, dment li l-avukat ma kienx involut fil-proċedimenti kriminali — BGN 750;
8. (irrevokat fl-SG Nru 2/2009; ex subparagrafu 9; emendat fl-SG Nru 28/2014; emenda ppubblikata fl-SG Nru 28/2014 irrevokata bis-Sentenzi Nri 13062 tat-3 ta' Ottubru 2019 u 5419 tat-8 ta' Mejju 2020 dwar ir-rendikont tal-Qorti Amministrattiva Suprema — SG Nru 45/2020, fis-seħħ mill-15 ta' Mejju 2020);
9. biex jidher quddiem qorti permezz ta' ittra ta' awtorizzazzjoni fir-rigward ta' miżuri ta' superviżjoni, dment li l-avukat ma kienx involut fil-proċedimenti kriminali — BGN 900;
10. (emendat fl-SG Nru 2/2009; emendat fl-SG Nru 28/2014; emenda ppubblikata fl-SG Nru 28/2014 irrevokata bis-Sentenzi Nri 13062 tat-3 ta' Ottubru 2019 u 5419 tat-8 ta' Mejju 2020 dwar ir-rendikont tal-Qorti Amministrattiva Suprema — SG Nru 45/2020, fis-seħħ mill-15 ta' Mejju 2020; irrevokat fl-SG Nru 68/2020).

(2) Għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza ta' rikorrent jew intimat fi kwistjonijiet ċivili, l-onorarja għandha tiġi ddeterminata f'konformità mal-proċedura msemija fl-Artikolu 7(2).

(3) Għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza tal-akkużat, parti li tressaq prosekuzzjoni privata jew rikorrent privat fir-rigward ta' diversi kapi t'akkuża, l-onorarja prevista fil-paragrafu 1 għandha tiżdied bin-nofs għall-akkuża l-aktar serja.

(4) Għad-difiża ta' aktar minn persuna waħda, l-onorarja għal kull konvenut għandha tiġi determinata skont il-proċedura stipulata fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 14(1) Meta s-seduta f'kawża kriminali ddum aktar minn jum wieħed, l-onorarja addizzjonali għal kull jum sussegwenti għandha tkun ta' BGN 250.

(2) Meta r-rappreżentanza legali tiġi pprovduta f'kawża kriminali jew amministrattiva kriminali li tinvolvi aktar minn żewġ seduti ta' smiġħ, għandha titħallas onorarja addizzjonali ta' BGN 250 għal kull seduta ta' smiġħ sussegwenti.

L-Artikolu 15 L-onorarja għat-tnejjija ta' appell jew appell fuq punt tal-liġi mingħajr rappreżentanza legali, għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja msemija fl-Artikolu 13.

L-Artikolu 16 L-onorarja għall-kawżi mressqa minn rikorrenti privati fil-kawżi kriminali għandha tkun ta' BGN 300 u BGN 600 għall-kawżi li jinstemgħu f'qorti fil-miftuħ.

L-Artikolu 17 In-negozjar ta' onorarja skont is-suċċess, li tiddependi mill-eżitu tal-proċedimenti kriminali, anki fil-

każ ta' azzjoni ċivili mressqa fil-kuntest ta' proċess kriminali, mhuwiex permess.

L-Artikolu 18(1) L-onorarja għat-tnejjija ta' appell kontra deċiżjoni li timponi piena mingħajr rappreżentanza legali, għandha tiġi ddeterminata skont ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 7(2), abbażi ta' nofs l-ammont tal-piena, jew tal-kumpens, iżda mhux inqas minn BGN 100.

(2) Jekk is-sanzjoni amministrattiva tkun fil-forma ta' multa, sanzjoni pekunjarja u/jew kumpens pekunjarju, l-onorarja għandha tiġi ddeterminata skont l-Artikolu 7(2) abbażi tal-ammont ta' kull multa, sanzjoni pekunjarja u/jew kumpens pekunjarju impost/mogħti.

(3) (ġdid fl-SG Nru 28/2014; irrevokat bis-Sentenzi Nru 13062 tat-3 ta' Ottubru 2019 u 5419 tal-5 ta' Mejju 2020 tal-Qorti Amministrattiva Suprema fl-SG Nru 45/2020, fis-seħħ mill-15 ta' Mejju 2020).

(4) (ġdid fl-SG Nru 68/2020; emendat fl-SG Nru 88/2022) L-onorarja għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza f'każijiet ta' reati amministrattivi minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 2, għandha tkun ta' BGN 500.

## Artikolu V

Onorarji għall-parteċipazzjoni fi proċedimenti rregolati minn statut speċjali f'istanza waħda

L-Artikolu 19 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti li jaqgħu taħt [l-Att dwar is-Saħħa \(Zakona za Zdraveto\)](#) għandha tkun ta' BGN 500.

L-Artikolu 20 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti ġudizzjarji awtonomi li jaqgħu taħt [l-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal \(Zakona za zakrila na deteto\)](#), għandha tkun ta' BGN 600.

L-Artikolu 21 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti li jaqgħu taħt il-Kapitoli IX, X u XI tal-[Kodiċi tal-Familja \(Semeyniya kodeks\)](#), għandha tkun ta' BGN 600.

L-Artikolu 22 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti li jaqgħu taħt [l-Att dwar il-Protezzjoni mill-Vjolenza Domestika \(Zakona za zashtita domashnoto nasilie\)](#), għandha tkun ta' BGN 600.

L-Artikolu 23 L-ispiża minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti li jaqgħu taħt [l-Att dwar l-Estradizzjoni u l-Mandat ta' Arrest Ewropew \(Zakona za ekstraditsiya i evropeyskata zapoved za arest\)](#), għandha tkun ta' BGN 800.

L-Artikolu 24 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti skont id-[Digriet dwar il-ġlieda kontra l-imġiba antisoċjali \(Ukaza za borba s drebnoto huliganstvo\)](#), għandha tkun ta' BGN 500.

L-Artikolu 25 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti tal-exequatur, għandha tkun ta' BGN 500.

L-Artikolu 26 L-onorarja minima għar-rappreżentanza, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti b'delega, meta l-avukat ma jkunx involut fil-kawża kollha, għandha tkun ta' BGN 500.

L-Artikolu 27 L-onorarja minima għall-għajnuna legali u r-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza lil xhud skont l-Artikolu 122 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali \(Nakazatelno-protsestualniya kodeks\)](#), meta l-avukat ma jkunx involut fil-kawża kollha, għandha tkun ta' BGN 500.

L-Artikolu 28 L-onorarja minima għar-rappreżentanza, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti ta' arrest preventiv, meta l-avukat ma jkunx involut fil-kawża kollha, għandha tkun ta' BGN 900.

L-Artikolu 29 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti ta' penali kumulattivi, għandha tkun ta' BGN 600.

L-Artikolu 30 L-onorarja minima għat-tfassil tar-rikors imsemmi fl-Artikolu 368 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#),

għandha tkun ta' BGN 800.

L-Artikolu 31(1) L-onorarja għad-difiża ta' parti f'ritrattazzjoni, ma tistax tkun inqas mill-onorarja minima meħtieġa għal proċess f'istanza waħda.

(2) Għat-tfassil ta' rikors għal ritrattazzjoni mingħajr komparizzjoni fil-qorti, l-onorarja minima għandha tkun ta' 3/4 tal-onorarja minima msemmija fil-paragrafu 1.

L-Artikolu 32 L-onorarja minima għad-difiża fi proċedimenti għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' qorti barranija skont l-Artikolu 457(2) tal-[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#), għandha tkun in-nofs tal-onorarja minima għal istanza waħda, skont it-tip u s-severità tal-piena.

L-Artikolu 33 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fi proċedimenti li jaqgħu taħt il-[Liġi dwar il-ġlieda kontra l-imġiba antisoċjali ta' minorenni u persuni taħt l-età](#) (*Zakon za borba s protivnoobshtestvenite proyavi na maloletni i nepalnoletni*), għandha tkun ta' BGN 500.

L-Artikolu 34 (ġdid fl-SG Nru 28/2014; emendat fl-SG Nru 84/2016; irrevokat fl-SG Nru 88/2022)

L-Artikolu 35 L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza fil-proċedimenti li jaqgħu taħt l-[Att dwar l-Ażil u r-Refuġjati](#) (*Zakona za ubezhishteto i bezhantsite*), għandha tkun ta' BGN 600.

L-Artikolu 35a L-onorarja minima għar-rappreżentanza legali, id-difiża u l-assistenza ta' detenu skont l- [Att dwar il-Ministeru għall-Affarijiet Interni](#), għandha tkun ta' BGN 300.

L-Artikolu 36 L-onorarja minima għar-rappreżentanza u l-assistenza fi proċedimenti ta' medjazzjoni fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, għandha tkun ta' 1/3 tal-onorarja prevista fl-Artikolu 7.

## Uffiċjali ġudizzjarji

Mill-2006, l-uffiċjali ġudizzjarji fil-Bulgarija kienu aġenti tal-infurzar privati u uffiċjali ġudizzjarji tal-Istat. It-tariffi statutorji japplikaw għat-tnejn li huma:

1. Mill-2008, it-tariffi imposti mill-uffiċjali ġudizzjarji tal-Istat ġew irregolati mill-Artikolu II tat-[Tariffarju tat-tariffi tal-Istat miġbura mill-grati skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#).
2. It-tariffi tal-aġenti tal-infurzar privati huma rregolati mill-Artikolu 78 tal-[Att dwar l-Aġenti tal-Infurzar Privati](#) (*Zakona za chastnite sadebni izpalniteli*) u mit-[Tariffarju tat-Tariffi u l-Ispejjeż tal-Eżekuzzjoni stabbiliti fl-Att dwar l-Aġenti tal-Infurzar Privati](#) (adottat permezz tad-Digriet Nru 92 tal-Kunsill tal-Ministri tad-19 ta' April 2006).

It-tariffi stabbiliti biż-żewġ tariffarji huma l-istess.

Aġent tal-infurzar privat jimponi tariffa addizzjonali ta' 50 % tat-tariffa standard talli jinnotifika d-dokumenti f'jiem mhux tax-xogħol u l-vaganzi, jibgħat taħrikiet bil-posta u jaqgħmel kopji tal-ilment, l-avviżi u d-dokumenti.

## Spejjeż fissi

### Spejjeż fissi fil-proċedimenti ċivili

Spejjeż fissi għal-litiganti fil-proċedimenti ċivili

Mill-2008, it-tariffi għall-proċedimenti ċivili ġew irregolati mill-Artikolu I tat-[Tariffarju tat-tariffi tal-Istat miġbura mill-grati skont il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) kif ġej: It-tariffa għal:

- talba ċivili hija 4 % tal-ammont mitlub, iżda mhux inqas minn EUR 25
- talba għad-danni morali hija sa EUR 40, iżda mhux inqas minn EUR 15
- Kawżi ta' divorzju (inklużi dawk deċiżi bi ftehim reċiproku): 2 % tat-total ta' tliet snin għas-sehem ta' kull parti (skont il-ftehim dwar id-diviżjoni tal-proprjetà matrimonjali u l-manteniment)
- titolu eżekuttiv huwa ta' 2 % tal-interessi materjali, iżda mhux inqas minn EUR 12.5
- għal kawżi ta' adozzjoni — EUR 12.5
- biex tiġi żgurata pretensjoni futura — EUR 20

- għall-kisba ta' evidenza — EUR 10
- għal kawża ta' insolvenza — EUR 25 għal negozjant għal rasu, EUR 125 għal impriża kummerċjali

L-istadju tal-proċedimenti ċivili li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

Kull parti trid tħallas lill-qorti l-ispejjeż tas-servizz mitlub bil-quddiem. Wara talba miż-żewġ partijiet jew b'inizjattiva tal-qorti, l-ispejjeż kollha jitħallsu miż-żewġ partijiet jew minn parti waħda minnhom, skont iċ-ċirkostanzi. (L-Artikolu 76 tal- [Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#)).

## Spejjeż fissi fil-proċedimenti kriminali

Spejjeż fissi għal-litiganti fil-proċedimenti kriminali

Il-kwistjoni tal-ispejjeż u t-tariffi fil-proċedimenti kriminali hija rregolata mill-[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#).

L-Artikolu 187: Kopertura tal-ispejjeż

1. L-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali għandhom ikunu koperti minn somom allokat fil-baġit tal-istituzzjoni rilevanti, ħliet fil-każijiet speċifikati bil-liġi.
2. F'każijiet kriminali li jirriżultaw minn ilment mill-vittma u ppreżentat quddiem il-qorti, l-ilmentatur privat irid jiddepożita l-ammont tal-ispejjeż bil-quddiem. Jekk l-ammont tal-ispejjeż ma jkunx ġie ddepożitat, l-ilmentatur privat irid jingħata sebat ijiem biex jiddepożitahom.
3. F'każijiet li jirriżultaw minn ilment mill-vittma u mressqa quddiem il-qorti, l-ispejjeż għat-talbiet evidenzjarji magħmula mill-imputat fil-qorti jridu jiġu koperti bil-baġit tal-qorti.

L-ispejjeż fissi tal-proċedimenti kriminali (stabbiliti fit-Tariffarju Nru 1 tat-[tariffi tal-Istat miġbura mill-qrati, l-uffiċċji tal-prosekuturi, is-servizzi ta' investigazzjoni u l-Ministeru għall-Ġustizzja](#), emendat l-aħħar fl-2005) huma kif ġej:

- Għal ilmenti li jwasslu għal proċedimenti kriminali mressqa minn individwi privati — EUR 6
- Għal prosekuzzjonijiet privati fi proċedimenti kriminali — EUR 2.5
- Għal talbiet għar-riabilitazzjoni meta kawża tibqa' miftuħa — EUR 3

L-istadju tal-proċedimenti kriminali li fih iridu jitħallsu l-ispejjeż fissi

L-ispejjeż deskritti hawn fuq iridu jiġu ddepożitati bil-quddiem mill-parti li tressaq prosekuzzjoni privata (f'konformità mal-[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#)). Jekk ma jiġux depożitati, il-parti trid tingħata sebat ijiem biex tagħmel dan.

## Spejjeż fissi fil-proċedimenti kostituzzjonali

Spejjeż fissi għal-litiganti fil-proċedimenti kostituzzjonali

1. Tista' titressaq petizzjoni quddiem il-Qorti Kostituzzjonali minn tal-inqas wieħed minn kull ħames Membri tal-Parlament, il-President, il-Kunsill tal-Ministri, il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, il-Qorti Amministrattiva Suprema u l-Prosekutur Ġenerali. It-tilwimiet dwar il-ġurisdizzjoni msemmija fil-paragrafu (1)(3) tal-Artikolu preċedenti jistgħu jitqajmu wkoll mill-kunsilli muniċipali.
2. Meta l-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni jew il-Qorti Amministrattiva Suprema jsibu li l-liġi hija inkonsistenti mal-Kostituzzjoni, huma jissospendu l-proċedimenti u jirreferu l-kwistjoni lill-Qorti Kostituzzjonali.
3. L-Ombudsman jista' jressaq rikors quddiem il-Qorti Kostituzzjonali biex jiddikjara bħala mhux kostituzzjonali liġi li tikser id-drittijiet u l-libertajiet ta' ċittadini.

## Ir-rappreżentanti legali għandhom jipprovdu informazzjoni minn qabel

Drittijiet u obbligi tal-partijiet

L-Artikolu 40(3) tal-[Att dwar l-Avukatura](#) jipprovdi li "avukat jew avukat minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea għandu jagħti pariri b'mod preċiż lill-klijent tiegħu dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom". Ma hemm l-ebda obbligu espliċitu għall-avukati li jinfurmaw lill-klijenti tagħhom dwar l-ispejjeż probabbli tal-proċedimenti legali. Fl-istess ħin, il-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati (*Etichnyat kodeks na advokate*) jimplika tali obbligu.

Sorsi dwar l-ispejjeż

## Fejn nista' nsib informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Bulgarija?

Persuna fiżika jew ġuridika li tkun qed tfitteż li tressaq każ ma tkunx tista' ssir taf kemm x'aktarx ikunu l-ispejjeż ta' litigazzjoni, peress li ma hemm l-ebda sit web uffiċjali jew mhux uffiċjali jew korp pubbliku ieħor li jista' jipprovdi tali informazzjoni f'forma konsolidata. Il-klijenti għalhekk jiddependu primarjament fuq l-avukati biex jinfurmawhom dwar l-ispejjeż involuti.

Madankollu, iċ-ċittadini jistgħu jsibu r-regolamenti li jirregolaw it-tariffi tal-qorti u l-ispejjeż ta' litigazzjoni u jagħmlu l-kalkoli għall-affari tagħhom permezz ta' diversi siti web pubbliċi. Dawn huma: il-liġi nazzjonali, is-sit web tal-Kunsill Suprem tal-Avukatatura, is-sit web tal-Kunsill Suprem Ġudizzjarju (*Visshiya sadeben savet*) u s-sit web tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Għajnuna Legali. Is-siti web elenkati hawn fuq bħalissa huma disponibbli biss bil-Bulgaru.

## B'liema lingwi nista' nikseb informazzjoni dwar is-sorsi tal-ispejjeż fil-Bulgarija?

Is-siti web elenkati hawn fuq bħalissa huma disponibbli biss bil-Bulgaru.

## Minn fejn nista' insib informazzjoni dwar il-medjazzjoni?

L-informazzjoni dwar il-medjazzjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-[Ministeru għall-Ġustizzja](#).

## Fejn nista' nsib informazzjoni addizzjonali dwar l-ispejjeż? Fejn nista' nsib informazzjoni dwar il-medja ta' tul ta' żmien li jieħdu proċeduri differenti?

Ir-rapporti annwali u biennali dwar l-attività ġudizzjarja fil-livelli kollha huma disponibbli fuq is-sit web tal-[Kunsill Suprem Ġudizzjarju](#). Dawn jinkludu informazzjoni dwar l-għadd ta' kawżi solvuti fl-aħħar tliet xhur, sitt xhur, sena, sentejn u aktar. Id-Dipartiment tal-Istatistika tal-Kunsill Suprem Ġudizzjarju jipprovdi analiżijiet u informazzjoni dwar it-tul medju tal-proċedimenti tal-qorti fi kwistjonijiet ċivili, kriminali u amministrattivi.

## Fejn nista' nsib informazzjoni dwar l-ispiża aggregata medja għal tip partikolari ta' proċedimenti legali?

L-ebda informazzjoni pubblika uffiċjali bħal din ma hija disponibbli.

Taxxa fuq il-Valur Miżjud

## Kif tiġi pprovduta din l-informazzjoni? Liema huma r-rati li japplikaw?

Il-VAT (skont it-tariffi u r-regolamenti ta' hawn fuq) hija inkluża fl-ispiża.

## Għajnuna legali

Il-livell limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja ċivili

L-Att dwar l-Għajnuna Legali (*Zakon za pravната pomosht*) ma jagħmilx distinzjoni bejn kawżi ċivili u kriminali (ara hawn taħt):

L-Artikolu 22 L-għajnuna legali skont l-Artikolu 21, is-subparagrafi (1) u (3), għandha tkun mingħajr flas u għandha tingħata lil:

1. persuni u familji li jissodisfaw ir-rekwiżiti biex jirċievu assistenza fix-xahar f'konformità mal-Artikoli 9 u 10 tar-[Regolament dwar l-implimentazzjoni tal-Att dwar l-Assistenza Soċjali](#) (*Pravilnik za prilagane na zakona*)

za sotsjalno podpomagane);

2. individwi u familji eliġibbli għall-assistenza mmirata għat-tiġn għall-istaġun tat-tiġn preċedenti jew attwali;
3. persuni li jużaw servizzi soċjali jew inkella soċjali u tas-saħħa integrati għall-kura residenzjali, nisa tqal u ommijiet f'riskju li jabbandunaw lit-tfal tagħhom li jużaw is-servizzi soċjali għall-prevenzjoni tal-abbandun;
4. tfal f'familji tar-rispett jew f'familji ta' qraba skont [l-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal](#);
5. minuri f'riskju skont it-tifsira tal-[Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal](#);
6. persuni msemmija fl-Artikoli 143 u 144 tal-[Kodiċi tal-Familja](#), persuni taħt il-21 sena u persuni li għandhom aktar minn 21 sena fir-rigward ta' obbligi ta' manteniment li jirriżultaw qabel l-età ta' 21 sena, f'konformità mar-[Regolament tal-Kunsill \(KE\) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonossiment u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni f'materji relatati ma' obbligi ta' manteniment](#) (ĠU L 7/1 tal-10 ta' Jannar 2009) u l-[Konvenzjoni dwar l-Irkupru Internazzjonali tal-Manteniment għat-Tfal u Forom Oħra ta' Manteniment tal-Familja](#) (ĠU L 192/51 tat-22 ta' Lulju 2011);
7. vittmi tal-abbuż domestiku jew sesswali jew tat-traffikar tal-bnedmin li ma għandhomx il-mezzi jew li mhumiex lesti li jagħmlu użu mid-difiża legali;
8. persuni li ngħataw jew applikaw għal protezzjoni internazzjonali jew protezzjoni temporanja skont [l-Att dwar l-Ażil u r-Refuġjati](#) u li għalihom l-għoti ta' għajjnuna legali mhuwiex ibbażat fuq xi raġuni legali oħra;
9. barrani li kien soġġett għal miżura amministrattiva koerċittiva u barrani li huwa akkomodat f'faċilità speċjali għall-akkomodazzjoni temporanja tal-barranin skont [l-Att dwar il-Barranin fir-Repubblika tal-Bulgarija \(Zakona za chuzhdentsite v republika balgaria\)](#), u li ma għandux il-mezzi jew ma jridx li jiddefendih avukat;
10. persuni li ġew miċħuda l-istatus ta' persuna mingħajr Stat fil-Bulgarija jew persuni li fir-rigward tagħhom il-proċedura għall-għoti tal-istatus ta' persuna mingħajr Stat skont [l-Att dwar il-Barranin fir-Repubblika tal-Bulgarija](#) ngħalqet, li ma għandhomx il-mezzi finanzjarji biex ikollhom avukat iżda jixtiequ jagħmlu dan;
11. persuni li qed jintalab li jiġu ddikjarati inkapaċi, kif ukoll persuni li ġew iddikjarati inkapaċi;
12. persuni b'diżabbiltà li jirċievu appoġġ kull xahar skont [l-Att dwar il-Persuni b'Diżabbiltà \(Zakona za horata s uvrezhdaniya\)](#), li d-dħul tagħhom ta' kull xahar ma huwiex biżżejjed biex ikollhom is-servizzi ta' avukat.

(2) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(7), (9), (10) u (12), l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Għajjnuna Legali (NBPP) (Natsjonalno byuro za pravna pomosht) għandu jiddeċiedi dwar l-għoti ta' għajjnuna legali, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 23(3), stabbiliti bid-dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, u l-linja tal-faqar stabbilita fil-Bulgarija.

(3) Il-fatti u ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu aċċertati abbażi tad-dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti u permezz ta' mudell ta' dikjarazzjoni fir-rigward tal-istatus tal-familja u tal-proprjetà tal-persuna approvat mill-NBPP.

(4) Meta l-persuni li japplikaw għall-għajjnuna legali jonqsu milli jissostanzjaw iċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-NBPP għandu jiddeċiedi dwar l-għoti ta' għajjnuna legali, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 23(3), stabbiliti minn dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, u l-linja tal-faqar stabbilita fil-Bulgarija.

(5) F'każijiet fejn l-għajjnuna legali tkun pprovduta mill-NBPP, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 2 u 3 għandha tinġabar *ex officio* u l-Bureau għandu jikseb id-dokumenti meħtieġa f'forma elettronika mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti. L-applikant għall-għajjnuna legali jeħtieġu jipprovdni evidenza fir-rigward tad-dħul tiegħu permezz ta' dokument jew jagħti l-kunsens tiegħu biex l-informazzjoni dwar id-dħul tiegħu tintalab *ex officio* mill-awtoritajiet kompetenti.

L-Artikolu 23(1) Is-sistema tal-għajjnuna legali msemmija fl-Artikolu 21, is-subparagrafu (2), tkopri l-kawżi li fihom l-avukat tad-difiża, l-avukat ta' riżerva jew ir-rappreżentant huma meħtieġa bil-liġi.

(2) Is-sistema tal-għajjnuna legali għandha tkopri wkoll il-kawżi fejn l-akkużat, il-konvenut jew il-parti f'kawża kriminali, ċivili jew amministrattiva ma jkollhiex il-mezzi biex tħallas għal avukat, tixtiequ li jkollha avukat u l-interessi tal-ġustizzja jirrikjedu dan. F'każijiet bħal dawn, il-persuna ma għandhiex tkun responsabbli għar-rimborż tal-ispejjeż tal-għajjnuna legali.

(3) Fi kwistjonijiet ċivili u amministrattivi, l-għajjnuna legali tingħata meta, abbażi tal-evidenza pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti, il-qorti jew il-President tal-NBPP jiddetermina li l-parti ma għandhiex mezzi biex tħallas id-dritt tal-avukat. Il-qorti jew il-kap tal-NBPP għandhom jagħmlu d-determinazzjoni tagħhom filwaqt li

jqisu:

1. id-dħul tal-parti jew tal-familja tagħha;
2. il-proprjetà u l-assi tal-parti ċċertifikata b'dikjarazzjoni;
3. l-istat ċivili tal-parti;
4. l-istat tas-saħħa;
5. l-istatus tal-impjeg;
6. l-età;
7. ċirkostanzi oħra.

(4) Fil-kawżi kriminali, id-determinazzjoni li l-akkużat jew l-imputat ma għandux il-mezzi sabiex iħallas id-dritt ta' avukat għandha ssir mill-korp li jmxexxi l-proċedimenti, abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna fil-kawża speċifika stabbilita *ex officio* u taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 3(1), (3), (4), (5), (6) u (7). Għal parti li tressaq prosekuzzjoni privata, ir-rikorrent fi proċedimenti ċivili, il-konvenut fi proċedimenti ċivili u r-rikorrent privat fi proċedimenti kriminali, id-determinazzjoni għandha ssir f'konformità mal-proċedura li taqa' taħt il-paragrafu 3.

## Il-livell limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-imputati

Il-kriterji li għejjin japplikaw flimkien ma' dawk stabbiliti għall-kawżi kriminali (l-Artikolu 22 tal-[Att dwar l-Għajnuna Legali](#) msemmi hawn fuq):

### L-Artikolu 23

1. Is-sistema tal-għajnuna legali (imsemmija fl-Artikolu 31(3)), għandha tkopri l-kawżi fejn ir-rappreżentanza legali jew id-difiża hija obbligatorja.
2. Is-sistema tal-għajnuna legali tkopri wkoll il-kawżi li fihom persuna suspettata, akkużata, persuna inkriminata, imputata jew parti f'kawża kriminali, ċivili jew amministrattiva ma tkunx tista' tħallas għall-assistenza ta' avukat, tixtieq li jkollha tali assistenza, u l-interessi tal-ġustizzja jirrikjedu dan.
3. F'materji kriminali, il-valutazzjoni li l-akkużat jew l-imputat ma għandux il-mezzi sabiex iħallas l-onorarji tal-avukat għandha ssir mill-korp li jmxexxi l-proċedimenti, abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-persuna fil-kawża speċifika stabbilita *ex officio* u taċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 3(1), (3), (4), (5), (6) u (7). Għal parti li tressaq prosekuzzjoni privata, rikorrent fi proċedimenti ċivili, konvenut fi proċedimenti ċivili u rikorrent privat fi proċedimenti kriminali, id-determinazzjoni għandha ssir f'konformità mal-proċedura li taqa' taħt il-paragrafu 3.

## Il-livell limitu tad-dħul applikabbli fil-qasam tal-ġustizzja kriminali għall-vittmi

Fi proċedimenti kriminali, il-livell limitu applikabbli huwa l-istess bħal dak għal partijiet oħra (ara hawn fuq).

## Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-għoti ta' għajnuna legali lill-vittmi

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċjali fil-liġi dwar il-vittmi tal-kriminalità. Ir-regoli ġenerali dwar l-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali japplikaw (l-Artikoli 22 u 23 tal-[Att dwar l-Għajnuna Legali](#)).

## Kundizzjonijiet oħra marbuta mal-għoti ta' għajnuna legali lill-persuni akkużati

Ma hemm l-ebda dispożizzjoni speċjali dwar l-għoti ta' għajnuna legali lill-imputati. Ir-regoli ġenerali dwar l-għajnuna legali fi proċedimenti kriminali (l-Artikoli 22 u 23 tal-[Att dwar l-Għajnuna Legali](#)) japplikaw.

## Proċedimenti tal-qorti mingħajr ħlas

L-Artikolu 83 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) permezz ta: rinunzja għat-tariffi u l-ispejjeż

L-Artikolu 83(1) It-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti ma għandhomx għalfejn jitħallsu:

1. mill-pretendenti li huma ħaddiema, impjegati u membri ta' kooperattivi f'rikorsi li jirriżultaw minn relazzjonijiet ta' impjeg;

2. f'talbiet għal manteniment;
3. f'kawżi miftuħa minn prosekutur;
4. mir-rikorrenti f'azzjonijiet għal danni inġusti li jirriżultaw minn reat, b'rabta ma' kundanna li għandha s-saħħa ta' *res judicata*;
5. minn rappreżentanti speċjali maħtura mill-qorti ta' parti li l-indirizz tagħha ma jkunx magħruf.
6. (ġdid fl-SG Nru 102/2022) minn parti li tkun ingħatat għajnuna legali fil-proċedimenti skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 23(2) tal-Att dwar l-Għajnuna Legali.

(2) It-tariffi u l-ispejjeż tal-qorti mhumiex imposti fuq persuni fiżiċi li huma rikonoxxuti mill-qorti bħala li ma għandhomx mezzi suffiċjenti. F'każ ta' talba għal eżenzjoni, il-qorti tqis:

1. id-dħul tal-persuna u tal-familja tagħha;
2. il-proprjetà u l-assi tal-parti ċċertifikata b'dikjarazzjoni;
3. l-istat ċivili tal-parti;
4. l-istat tas-saħħa;
5. l-istatus tal-impjeg;
6. l-età;
7. ċirkostanzi stabbiliti oħrajn.

(3) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, l-ispiża tal-litigazzjoni għandha titħallas mill-ammonti allokatil fil-baġit tal-qorti.

L-Artikolu 84 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#): Eżenzjoni f'każijiet speċjali:

Dawn li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-ħlas tat-tariffi tal-Istat iżda mhux mill-ħlas tal-ispejjeż:

1. l-Istat u l-istituzzjonijiet tal-Istat, ħlief f'kawżi li jinvolvu proprjetà privata tal-Istat u fil-każ ta' pretensjonijiet privati u drittijiet tal-Istat
2. l-Assoċjazzjoni Bulgara tas-Salib l-Aħmar (Balgarski cherven krast)
3. muniċipalitajiet, ħlief għal talbiet muniċipali privati u drittijiet ta' proprjetà fi proprjetà muniċipali privata

## Il-parti telliefa meta għandha tħallas l-ispejjeż tal-parti rebbieħa?

### Kwistjonijiet ċivili

L-Artikolu 78 tal-[Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#): Aġġudikazzjoni tal-ispejjeż

L-Artikolu 78(1) L-ispejjeż imħallsa mill-pretendent (inklużi l-ispejjeż tal-proċedimenti u l-onorarja tal-avukat (jekk il-parti kellha wieħed)) iridu jitħallsu mill-konvenut fi proporzjon mal-ammont aġġudikat fit-talba.

(2) Jekk l-aġir tal-konvenut ma jkunx ta lok għall-azzjoni u l-konvenut jaċċetta l-azzjoni, l-ispejjeż għandhom jitħallsu mir-rikorrent.

(3) Il-konvenut għandu jkun intitolat ukoll li jirkupra l-ispejjeż tiegħu b'mod proporzjonali għall-parti tat-talba li tiġi miċħuda.

(4) (supplimentat fl-SG Nru 11/2023, fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2024) Il-konvenut għandu jkun intitolat ukoll għall-ispejjeż jekk il-proċedimenti jintemmu, sakemm it-terminazzjoni ma tkunx dovuta għal ftehim bejn il-partijiet, f'liema każ għandu japplika l-paragrafu 9.

(5) Jekk l-onorarja mħallsa minn parti lil avukat tkun eċċessiva meta mqabbla mal-kumplessità legali u fattwali attwali tal-kawża, il-qorti tista', fuq talba tal-parti opposta, tattribwixxi ammont inferjuri ta' spejjeż li jkun proporzjonat max-xogħol imwettaq, iżda mhux inqas mill-ammont minimu ddeterminat skont l-Artikolu 36 tal-[Att dwar l-Avukatura](#).

(6) Meta kawża tiġi deċiża favur parti li tkun eżenti mill-ħlas tat-tariffi tal-Istat jew mill-ispejjeż tal-proċedimenti, il-parti kkundannata għandha tħallas it-tariffi u l-ispejjeż kollha dovuti. L-ammonti rispettivi jiġu attribwiti favur il-qorti.

(7) Jekk kawża tiġi deċiża favur parti li tkun ingħatat l-għajnuna legali, l-onorarja tal-avukat imħallsa għandha

tingħata lill-Uffiċċju Nazzjonali għall-Għajnuna Legali b'mod proporzjonali għall-parti tat-talba li tiġi milqugħa jew miċħuda. Jekk il-kawża tiġi deċiża kontra l-parti li lilha tkun ingħatat l-għajnuna legali skont l-Artikolu 23(2) tal-[Att dwar l-Għajnuna Legali](#), dik il-parti għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż b'mod proporzjonali għall-parti tar-rikors li tiġi milqugħa jew miċħuda, ħlief għall-ispejjeż tal-għajnuna legali mogħtija.

(8) (emendat fl-SG Nru 8/2017) Il-persuni ġuridiċi jew in-negozjanti għal rashom għandhom ukoll jiġu attribwiti tariffa ta' ammont determinat mill-qorti, jekk ikun iddefendihom avukat. L-ammont tat-tariffa mogħtija ma jistax jaqbeż l-ammont massimu għat-tip ta' kawża determinat f'konformità mal-Artikolu 37 tal-[Att dwar l-Għajnuna Legali](#).

(9) (issupplimentat fl-SG Nru 11/2023, fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2024) Jekk il-kawża tiġi konkluża b'soluzzjoni, nofs it-tariffi tal-Istat imħallsa għandhom jitħallsu lura lill-pretendent, u jekk is-soluzzjoni tkun ir-riżultat ta' ftehim konkluż fi proċedura ta' medjazzjoni skont l-Artikoli 140a u 140b, jew jekk il-proċedimenti fil-kawża jintemmu minħabba l-irtirar jew l-abbandun tat-talba bħala riżultat tal-ftehim ta' soluzzjoni, 75 % tat-tariffi tal-Istat imħallsa għandhom jiġu rimborżati lill-pretendent. L-ispejjeż tal-proċedimenti u l-ftehim ta' soluzzjoni għandhom ikunu koperti mill-partijiet kif imġarrba, sakemm ma jkunx miftiehem mod ieħor.

(10) Parti terza li tipparteċipa fil-proċedimenti ma għandhiex tiġi mħallsa l-ispejjeż, iżda għandha tkun responsabbli għall-ispejjeż li jkunu ġġarrbu kaġun tagħha fil-proċedimenti.

(11) Meta l-prosekutur pubbliku jkun parti fil-proċedimenti, l-ispejjeż dovuti għandhom jitħallsu lill-Istat jew jitħallsu minnu.

## Kwistjonijiet kriminali

[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#) (*Nakazateln-protsesualen kodeks*) — spejjeż u tariffi

### Artikolu 187 Kopertura tal-ispejjeż

L-Artikolu 187(1) L-ispejjeż tal-proċedimenti kriminali għandhom ikunu koperti mis-somom allokati fil-baġit tal-istituzzjoni kkonċernata, ħlief fil-każijiet previsti mil-liġi.

(2) F'każijiet kriminali li jirriżultaw minn ilment minn vittma u ppreżentati lill-qorti, l-ilmentatur privat irid jiddepożita l-ammont tal-ispejjeż bil-quddiem u fin-nuqqas ta' dan, il-parti għandha tingħata sebat ijiem biex tħallashom.

(3) F'każijiet li jirriżultaw minn ilment mill-vittma u ppreżentati lill-qorti, l-ispejjeż tat-talbiet evidenzjarji magħmula mill-imputat fil-qorti jridu jitħallsu mill-baġit tal-qorti.

### L-Artikolu 188 Determinazzjoni tal-ispejjeż

L-Artikolu 188(1) L-ispejjeż għandhom jiġu ddeterminati mill-qorti jew mill-korp responsabbli għall-proċedimenti preliminari.

(2) Ir-remunerazzjoni tax-xhieda li huma ħaddiema jew impjegati għandha tiġi ddeterminata mill-qorti jew mill-korp responsabbli għall-proċedimenti preliminari.

### L-Artikolu 189 Deċiżjoni dwar l-ispejjeż

L-Artikolu 189(1) Il-qorti għandha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni tal-ispejjeż fis-sentenza jew fid-digriet.

(2) L-ispejjeż ta' interpretu fi proċedimenti preliminari għandhom jitħallsu mill-awtorità rilevanti, filwaqt li l-ispejjeż ta' interpretu fil-proċedimenti ġudizzjarji għandhom jitħallsu mill-qorti.

(3) Meta l-imputat jinstab ħati, il-qorti għandha tordnalha jħallas l-ispejjeż kollha, inklużi l-onorarji tal-avukati u spejjeż oħra għal avukat tad-difiża *ex officio*, kif ukoll kwalunkwe spiża mġarrba mir-rikorrent privat u mir-rikorrent ċivili, jekk tkun saret tali talba. Meta diversi imputati jiġu kkundannati, il-qorti għandha tiddetermina l-proporzjon li kull persuna trid tħallas.

(4) Meta l-imputat jiġi lliberat minn xi wħud mill-akkużi, il-qorti għandha tordnalha jħallas biss l-ispejjeż tal-akkuża

li għaliha jkun instab ħati.

L-Artikolu 190: L-attribuzzjoni tal-ispejjeż

L-Artikolu 190(1) Jekk l-imputat jinstab li ma jkunx ħati jew il-proċedimenti kriminali jitwaqqfu, l-ispejjeż tal-kawżi ta' natura ġenerali għandhom jiġihallu mill-Istat, u l-ispejjeż tal-kawżi mressqa quddiem il-qorti mill-vittma għandhom jiġihallu mir-rikorrent privat.

(2) Il-Qorti tal-Prim'Instanza għandha toħroġ mandat ta' eżekuzzjoni dwar l-ispejjeż attribwiti.

## It-tariffi tax-xhieda esperti

[Il-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili](#) jistabbilixxi regola ġenerali dwar it-tariffi tax-xhieda esperti

Determinazzjoni tal-ispejjeż

L-Artikolu 75 Ir-remunerazzjoni tax-xhieda għandha tiġi ddeterminata mill-qorti fid-dawl taż-żmien li tqatta' u l-ispejjeż imġarrba, u t-tariffi tax-xhieda esperti għandhom jiġu ddeterminati mill-qorti fid-dawl tax-xogħol imwettaq u tal-ispejjeż imġarrba.

[Ir-Regolament Nru N-1 tal-14 ta' Frar 2023 dwar ir-reġistrazzjoni, il-kwalifiki u t-tariffi tax-xhieda esperti](#)

L-Artikolu 1(1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi:

1. il-proċedura u l-limiti ta' żmien għall-proposti ta' inklużjoni fil-listi ta' professjonisti approvati bħala xhieda esperti, u għall-emendi tagħhom;
2. il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-professjonisti approvati bħala xhieda esperti;
3. il-kundizzjonijiet u l-proċedura għad-determinazzjoni tar-remunerazzjoni tax-xhieda esperti;
4. regoli relatati mad-dritt ta' aċċess għas-sistema ta' informazzjoni dwar ir-Reġistru Uniku tax-Xhieda Esperti u d-data mdaħħla fiha.

(2) Dan ir-Regolament għandu japplika għax-xhieda esperti maħtura mill-awtoritajiet ġudizzjarji, l-awtoritajiet responsabbli għall-proċedimenti preliminari u l-awtoritajiet responsabbli għall-proċedimenti ta' eżekuzzjoni.

L-Artikolu 23(1) Meta jistabbilixxi t-tariffa, il-korp li kkummissjona r-rapport tal-esperti għandu jqis u jivvaluta dan li ġej:

1. il-kumplessità u l-ispeċifità tal-kompiti li għandhom jitwettqu;
2. il-kompetenza u l-livell ta' kwalifika tal-espert;
3. iż-żmien meħtieġ għat-twettiq tar-rapport tal-espert;
4. il-volum tax-xogħol imwettaq;
5. l-ispejjeż neċessarji biex jitwettaq ir-rapport espert, bħall-użu ta' materjali, oġġetti konsumabbli, għodod, tagħmir, eċċ.;
6. kundizzjonijiet oħra rilevanti għall-ħlas tax-xogħol imwettaq, inklużi l-onorar tal-iskadenzi, il-ħidma fi tmiem il-ġimgħa u l-btajjel pubbliċi.

(2) L-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu stabbiliti mill-korp li jkun ħatar ix-xhud espert fuq il-bażi ta' skeda ta' żmien ipprovduta mix-xhud espert f'konformità mal-Anness Nru 2. Meta jiġu kkunsidrati u vvalutati ċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 1, l-iskeda ta' żmien ma għandhiex torbot lill-awtorità li tkun ħatret ix-xhud espert.

(3) Meta jitwettaq ir-rapport tal-espert minn espert impjegat tal-Ministeru għall-Affarijiet Interni, l-ispejjeż tax-xogħol, tal-oġġetti konsumabbli u tal-ispejjeż ġenerali għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' mudell ta' skeda ta' żmien approvat b'digriet tal-Ministru tal-Affarijiet Interni.

(4) Meta r-rapport tal-espert jitfassal minn aktar minn xhud espert wieħed, it-tariffa msemmija fil-paragrafu 1 għandha titħallas lil kull xhud espert.

(5) Jekk ix-xhud espert ma jippreżentax dokumenti ġustifikattivi, l-ispejjeż għandhom jiġihallu fid-diskrezzjoni tal-awtorità li tkun ħatret ix-xhud espert.

L-Artikolu 24(1) Għal kull siegħa effettivament maħduma, għandha titħallas tariffa ta' 3 % tal-paga minima fil-Bulgarija fil-mument li jintalab ir-rapport tal-espert.

(2) In-numru ta' sigħat effettivament maħduma għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-iskeda ta' żmien imsemmija fl-Anness Nru 2 jew abbażi tal-kont imsemmi fl-Artikolu 23(3).

L-Artikolu 25(1) Fil-każ ta' rapporti ta' esperti partikolarment kumplessi u speċifiċi għas-suġġett ipprovduti minn esperti bi kwalifiki għoljin, it-tariffa tista' tiżdied sa 100 %.

(2) Jekk ikun meħtieġ li r-rapport tal-espert jingħata fi tmiem il-ġimgħa jew fil-btajjel pubbliċi, dan għandu jiġi ddikjarat fl-att li jikkummissjona r-rapport tal-espert.

(3) Ir-remunerazzjoni tista' tiżdied minn 75 % għal 150 % għar-rapporti tal-espert mogħtija fi tmiem il-ġimgħa u minn 100 % għal 200 % għar-rapporti tal-esperti mogħtija fil-btajjel pubbliċi.

L-Artikolu 26(1) Ir-rapport tal-espert għandu jiġi ppreżentat flimkien ma' skeda ta' żmien, flimkien mad-dokumenti ġustifikattivi relatati mal-ispejjeż imġarrba, jew mal-mudell tal-iskeda ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 23(3).

(2) Dawn li ġejjin ma għandhomx jiġu rikonoxxuti bħala spejjeż, ħlief għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1)(6) — fid-diskrezzjoni tal-awtorità tal-ħatra:

1. I-ispiża tal-vjaġġ bl-ajru, ħlief meta l-missjoni tkun barra mill-pajjiż;
2. spejjeż tal-ivvjaġġar mingħajr il-preżentazzjoni ta' biljett jew dokument ieħor li jiġġustifika l-ispejjeż imġarrba;
3. spejjeż ta' akkomodazzjoni li jaqbuż BGN 50.

(3) Jekk il-korp li jkun ikkummissjona r-rapport tal-espert iqis li hemm raġunijiet biex tiżdied it-tariffa ffixsata inizzjalment, huwa għandu jstabbilixxi tariffa finali.

(4) Jekk l-espert ma jissottomettix skeda ta' żmien jew jekk il-korp li jkun ikkummissjona r-rapport tal-espert ma jqisx li hemm raġunijiet għal żieda fir-remunerazzjoni, it-tariffa għandha tibqa' fl-ammont stabbilit oriġinarjament.

L-Artikolu 27(1) It-tariffa u l-ispejjeż tal-espert imsemmija fl-Artikolu 18 għandhom jitħallsu fuq il-bażi ta' ordni bil-miktub maħruġa mill-awtorità li tkun ħatritom. L-ammonti għandhom jitħallsu permezz ta' trasferiment bankarju fi żmien 60 jum mill-aċċettazzjoni tar-rapport tax-xhud espert.

(2) L-ammonti għandhom jitħallsu mid-depożitu jew mill-baġit tal-korp li jkun ħatar ix-xhud espert. L-ammonti għandhom jitħallsu mal-preżentazzjoni mix-xhud espert ta' dokument li jinkludi r-rekwiżiti elenkati fl-Artikolu 7 tal-Att dwar il-Kontabbiltà.

(3) Jekk il-korp li jkun ikkummissjona r-rapport tal-espert jirrifjuta li jaċċetta l-konklużjoni tal-espert għal raġunijiet li għalihom l-espert huwa responsabbli, it-tariffa fissa ma għandhiex titħallas. Ir-rifjut għandu jkun ġustifikat.

(4) Il-korp li jkun ħatar l-espert jista', fejn tapplika waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1), jimmodifika l-ammont tat-tariffa pagabbli lill-espert. Għandha tingħata ġustifikazzjoni għall-modifika li jsiru.

L-Artikolu 28(1) Jekk ix-xhud espert jinħatar fuq talba ta' partijiet li ma jkunux eżenti mill-ħlas tal-ispejjeż, it-tariffa għandha tiġi ffixsata minn qabel u għandu jintbagħat depożitu inizzjali fil-kont tal-korp li jaħtar ix-xhud espert.

(2) F'każijiet fejn il-partijiet ikunu eżentati mill-ispejjeż, għandha tiġi ffixsata tariffa inizzjali f'konformità mal-Artikolu 24(1).

(3) Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, tariffa inizzjali tista' tiġi ffixsata wkoll f'livell minimu fid-diskrezzjoni tal-awtorità li tkun ikkummissjonat ir-rapport tal-espert.

(4) It-tariffa għandha tiġi ffixsata wkoll jekk ir-rapport tax-xhud espert jiġi ssupplimentat bil-fomm.

(5) F'każijiet fejn, wara l-ħatra ta' xhud espert, il-proċedimenti preliminari jiġu fdati lil korp investigattiv ieħor, ir-remunerazzjoni u l-ispejjeż tal-espert għandhom jiġu ddeterminati mill-korp li jkun aċċetta r-rapport tax-xhud espert.

L-Artikolu 29 Fejn ikun hemm raġunijiet għal tnaqqis fl-ammont tat-tariffa oriġinarjament iffissata, għandha tiġi ffissata tariffa finali mill-korp li jkun ikkummissjona r-rapport tax-xhud espert. Iridu jingħataw raġunijiet għal kwalunkwe tnaqqisa fit-tariffa.

L-Artikolu 30 L-ispejjeż tal-ivvjaġġar, tas-sussistenza u tal-akkomodazzjoni li jsiru fit-tnejn tar-rapport għandhom jitħallsu mid-depożitu mħallas jew mill-baġit rispettivament.

L-Artikolu 31(1) L-xhud espert għandu jibda x-xogħol wara li jkun tħallas depożitu biex ikopri l-ispejjeż għas-servizzi tiegħu.

(2) Ir-remunerazzjoni tax-xhud espert ma tistax tkun kundizzjonali jew marbuta mal-eżitu tal-kawża.

L-Artikolu 32 Il-fondi użati mill-awtoritajiet ġudizzjarji biex ikopru r-remunerazzjoni u l-ispejjeż meħtieġa tax-xhieda esperti huma ssorveljati mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura.

It-tariffi tat-tradutturi u tal-interpreti

Kwistjonijiet ċivili

Ir-regoli għax-xhieda esperti japplikaw ukoll għall-interpreti — ara hawn fuq.

Kwistjonijiet kriminali

[Kodiċi tal-Proċedura Kriminali](#) l-Artikolu 189(2)

L-ispejjeż ta' interpretu fi proċedimenti preliminari għandhom jitħallsu mill-awtorità rilevanti, filwaqt li l-ispejjeż ta' interpretu fil-proċedimenti tal-qorti għandhom jitħallsu mill-qorti.

---

L-aħħar aġġornament: 31/07/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.